MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 140/2006

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
JOHN TABONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Tabone, bin Carmelo u Giovanna nee' Fenech, imwieled Pieta' fid-29 ta' Lulju 1966, u residenti 151, Triq Salvu Psaila, B'Kara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315366(M);
u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Lulju 2002, u fiz-zmien ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zmenijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond bin-numru 151, sitwat fi Triq Salvu Psaila, l/o B'Kara, jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-

imsemmi fond, ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li huwa ta' iktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), u dan kollu sar bi ksur tal-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 267 u 271 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 326(1)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-imputat ihallas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 15) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 14).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 263(a),

264, 267, 270, 326(1)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt illi s-serq kien ta’ ammont zghir li gie mhallas fil-mori tal-kawza, u l-koperazzjoni shiha li wera mal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------